



# Skejjel fil-Ħamrun



X'aktarx li l-ewwel skola fil-Ħamrun kienet infetħet fl-1861 mill-gvern ta' dak iż-żmien fl-inħawi magħrufa bħala tas-Samra. Ta' min għid illi dik iż-żona kienet l-aktar popolata f'dawk iż-żminijiet u għalhekk kien xieraq illi din l-ewwel skola infetħet hemmhekk.

L-ewwel għalliem ta' din l-iskola kien Guglielmu Borg u hu kien appuntat fl-1 ta' Diċembru 1861. Ta' min jgħid illi hu kellu salarju ta' madwar 38 lira fis-sena. Għalliema oħra f'din l-istess skola kienet Carla Calleja u hi kellha salarju ta' 21 lira fis-sena. Statistika ippubblikata fl-1878 turi, illi f'din l-iskola kienu jattendu madwar 194 student. Imbagħad aktar tard, eżattament fl-1885 l-istudenti żdiedu għal madwar 325.

Aktar tard x'aktarx lejn is-sena 1896 fil-Ħamrun kienet inbniet skola oħra tal-gvern u li kienet akbar minn dik ta' qabilha. Bil-popolazzjoni dejjem tiżdied din l-iskola l-ġdida malajr saret żgħira u hawnhekk naraw illi għal darb'oħra kellha terġa tinbeda skola tal-gvern fl-inħawi magħrufa bħala "Tal-Boċċi". Dan inbniet bejn l-1919 u 1920.

Illum fil-Ħamrun hawn diversi skejjel u fosthom insibu:

**L-Skola Primarja Dun Frans Camilleri.** Din kienet inbniet x'aktarx lejn l-1885 u tinsab qrib Pjazza San Pawl, eżattament wara l-għassa tal-pulizija. Interessanti huma żewġ biċċiet skultura kbar li jinsabu fuq il-bibien principali. Waħda minnhom narawha tirrappreżenta lir-Reġina Vittoria, filwaqt li l-oħra turi lil Prinċep Albert. Dawn iż-żewġ opri artistiċi kienu saru minn Giulio Moschetti bejn l-1895 u l-1896. Matul il-gwerra din l-iskola kienet għamlet żmien tintuża ukoll bħala post għar-refuġjati li kienu ġew jogħqodu l-Ħamrun. X'aktarx li wara l-gwerra l-iskola kienet serviet ukoll għal xi snin bħala Liċew.

**L-Skola Primarja Dun Ġorġ Preca.** Din tinsab fi Triq Ġuzè Pace u nbiet fil-bidu tas-snin għoxrin. Hija l-akbar skola primarja fil-Ħamrun u l-motto tagħha huwa "Nikbru....naqsmu.....nitgħallmu lkoll flimkien".



**L-iskola Marija Reġina Junior Lyceum.** Din inbniet fil-bidu tas-snin ħamsin u nfetħet fl-1959. Oriġinarjament din l-iskola kienet tal-grammatika, sabiex imbagħad fl-1973 saret magħrufa bħala l-Skola Sekondarja Ġenerali. Fl-1981 l-iskola saret l-ewwel Junior Lyceum għall-istudenti bniet ta' pajjiżna.

**L-Skola Sekondarja Maria Assumpta.** Din inbniet lejn l-aħħar tas-snin ħamsin b'għajnuna tal-UNESCO u nfetħet fis-snin sittin. Oriġinarjament kienet magħrufa bħala "Girls Technical School", iżda aktar tard hi ħadet l-isem ta' "Maria Assumpta Secondary Technical School". Din l-iskola hija waħda mill-akbar li qatt inbnew gewwa pajjizna.

**L-iskola Dun Ġużepp Zammit Brigella Boys Junior Lyceum** tinsab fi Triq il-Liċew u l-oriġini tagħha jmorru lura sa l-1590. Hawnhekk qed nirreferi għal l-isem Liċew u mhux għall-iskola, li oriġinarjament kienet tinsab fil-Belt Valletta. Fil-fatt, sal-lum fuq l-istemma ta' din l-iskola hemm l-arma ta' l-Isqof Garagallo. Din l-iskola nbniet bejn l-1952 u l-1956. Dan il-bini ntuża bħala Liċew sa' l-1972 meta mbagħad inbidel fi skola reġjonali bl-isem ta' "Hamrun Boys Secondary School". Fl-1981 kien ġie deċiż illi dan il-Liċew kellu jiddaħħal fis-sistema tal-"Boys Junior Lyceum". Bla dubju ta' xejn din l-iskola hija waħda mill-akbar ta' Malta u fiha hemm diversi faċilitajiet għal istudenti li jkunu qed jattendu hemmhekk.

Fil-Ħamrun insibu ukoll żewġ skejjel tal-knisja. Dawn huma l-iskola **"Our Lady Immaculate Girls School"** għat-tfal bejn l-eta ta' erba' u sittax-il sena. Din l-iskola hija mmexxija mis-sorijiet Franġiskani u tinsab fi Triq Kanonku Bonnici. Skola oħra hija is-**"Saint Joseph Girls School"** ta' Blata l-Bajda. Din ukoll hija għal istudenti bniet ta' bejn l-erba' u is-sittax-il sena u hi ukoll immexxija mis-sorijiet.



Ta' min jgħid ukoll illi fil-passat kien hemm żewġ skejjel oħra, iżda li l-lum spiċċaw. Dawn kienu l-iskola tal-bniet Adelaide Cini li għalqet ftit tas-snin ilu u l-iskola tal-bniet Maria Teresa Nuzzo li għalqet fl-2005.